MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Numru. 223/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**VS**

**George Galdes ta' 33 sena bin il-mejjet Saviour u Mary nee' Zahra, mwieled l-Mtarfa nhar it-3 ta' Mejju 1977, residenti 131, Triq Indri Grima, Msida detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 210677(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat George Galdes akkuzat talli nhar id-9 ta' Marzu 2009 ghal habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu (02:00hrs), waqt li kien gewwa r-residenza numru 131 Triq Indri Grima, Msida,

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huh Marlo Galdes, u dana kif iccertifika Dr. Patrick Farrugia M.D. ta'l-Isptar Mater Dei permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghalkemm kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pusess tieghu arma li taqta' u bil-ponta (arma irregolari), minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tad-19 ta' Frar 2010;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat,;

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-isfond ghal dana l-incident familjari bejn l-imputat u huh kien il-problema ta'l-akohol li ghandu l-vittma ta' dina l-aggressjoni Marlo Galdes. Illi s-sistema penali taghna dejjem kellha bhala l-ghan ewlieni taghha r-riforma tal-persuna misjuba hatja ta' reat u dana sabiex ir-reat ma jergax jirrepeti ruhu. Madanakollu f'dina l-kawza l-Qorti tistqarr minghajr tlaqlieq illi hemm il-htiega tar-riforma tal-vittma ta' dana r-reat u mhux tal-persuna akkuzata. Dana qed jinghad peress illi dak li wassal ghal dana l-incident familjari bejn zewg ahwa kienet il-problema tal-akolhol li ghandu l-parti leza u cioe' Marlo Galdes. Jidher illi dina

hija problema li ilha ghaddejja ghal snin twal tant illi kellha effett fuq il-familja kollha u cioe' l-omm u hut l-imputat u l-vittma. Jidher illi anke matul l-andament ta' dina l-kawza kien hemm incidenti ohra f'dina l-familja u anke kien hemm xi kawzi ohra l-Qorti minhabba fl-agir ta' Marlo Galdes.[1]

Jidher illi fil-jum ta'l-incident mertu tal-kaz, Marlo Galdes kien hareg minn kmieni fil-ghodu u sa fil-ghaxija kien ghadu ma irritornax lura id-dar. L-imputat hareg xi ftit filghaxija u meta wasal lura d-dar ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu huh kien ghadu ma irritornax. Hu dahal jorqod fil-kamra tas-sodda hdejn ommu u madwar siegha wara wasal huh Marlo. Jidher illi kif kienet drawwa tieghu, huwa dahal id-dar fis-sakra. Qajjem lil ommu b'hafna ghajjat u storbju ghaliex ippretenda li jiekol f'dak il-hin ta' bil-lejl. L-omm wiegbet illi l-ikel kien fil-fridge u qaltlu biex isahhnu, izda Marlo ma setax isib l-ikel u rega' mar lura fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm l-imputat u ommu u b'hafna ghajjat u storbju beda jinsisti ma' ommu sabiex tqum isajjarlu. L-omm spiccat qamet biex tevita iktar storbju anke minhabba fil- girien. L-imputat baqa' fis-sodda, izda jidher illi Marlo baqa' ighajjat ma' ommu u sar aggressiv u ghalhekk l-imputat iddecieda jqum mis-sodda sabiex jiddefendi lil ommu minn dina l-aggressjoni. Fil-fatt hekk kif dahal fil-kcina huwa sab lil huh jaggredixxi lil ommu u ghalhekk intervjena biex huh ma jweggaghhiex. Hawnhekk jidher illi l-ahwa spiccaw gew fl-idejn u f'xi hin waqghu ma' l-art. L-imputat qam mill-art, irrealizza li huh kien fis-sakra u ghalhekk iddecieda jerga' imur jorqod. Izda hekk kif hareg mill-kcina u qabad il-kuridur sabiex imur lura f'kamartu minn warajh sema' lil huh gej jigri ghal fuqu. F'dana il-mument jidher illi l-imputat beza' meta huh issikkah mal-hajt u ghalhekk peress illi kien dlam cappa fil-kurridur qabad l-ewwel oggett li gie f'idejh li hataf minn fuq il-gradenza u xejjer daqqa' fid-direzzjoni ta' huh sabiex jiddefendi ruhu. Dana l-oggett kien imqass. Marlo Galdes garrab lezjoni fuq l-aspett anterjuri tas-sider minhabba *stab wound* li sofra bid-daqqa ta'l-imqass. L-imputat f'dana il-mument xeghel id-dawl u induna li kien tar id-

[1] Ara xhieda tal-imputat . fol.129

demm ghal fuq wiccu. F'dak il-mument irrealizza x'kien ghamel u ried mal-ewwel icempel lill-pulizija u jiehu lil huh l-isptar. Huh izda ma riedx u dahal jiehu shower, izda il-kundizzjoni tieghu aggravat ruhha u ghalhekk l-imputat iddecieda li jiehdu immedjatament l-isptar. Hekk kif wasal l-isptar huwa mal-ewwel informa lit-tim mediku prezenti b'dak kollu li kien sehh u ghalhekk isejjhet il-pulizija.

L-imputat mal-ewwel jammetti anke mal-pulizija li kien hu li ikkaguna l-ferita fuq huh. Anke fl-istqarrija rilaxxjata minnu *a tempo vergine* huwa mal-ewwel jirrakkonta dak kollu li gara.[2] Dina l-verzjoni tal-fatti jerga' jghidha meta huwa jixhed quddiem dina l-Qorti.[3] Jistqarr illi huwa iddispjacieh ghal dak kollu li ghamel u li huwa spicca f'dana il-kunflitt ma' huh sabiex jiddefendi lil ommu mill-aggressjoni ta' huh fil-konfront taghha. Dana huwa kollu ikkoroborat mix-xhieda ta' omm l-imputat Maria Carmela Galdes[4], kif ukoll ta' huh stess Marlo Galdes li jammetti li kien dahal id-dar tard u fis-sakra, izda ma jiftakar xejn dwar id-dinamika ta'l-incident.[5]

Illi ghal aktar minn darba f'dana l-iter processwali Marlo Galdes jiddikjara illi huwa hafer lil huh l-imputat ghall-akkadut u li fieq kompletament mill-griehi sofferti minnu f'dana l-incident.

Illi fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jidher illi lill-imputat qed jigi imputat b'mod ewlieni ir-reat ta'l-offiza gravi volontarja u dana a tenur ta'l-artikoli 214 u 215 tal-Kapitolu 9.

**<u>L-akkuza dwar l-offiza volontarja</u>**:

Illi b'referenza ghal dina l-akkuza, id-difiza qieghda tinvoka l-iskriminanti tal-legittima difeza u dana a tenur ta' l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

---

[2] Ara stqarrija ta'l-imputat a fol. 10 u 11 tal-process.
[3] Ara xhied ata'l-imputat a fol. 132 et seq.
[4] Ara xhieda ta' Maria Carmela Galdes a fol.41 et.seq.
[5] Ara xhieda ta' Marlo Galdes a fol.46 et.seq.

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna …. huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."

Illi f'sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila jinghad fuq dina l-iskriminanti:

**"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi agressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cjoe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."**

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ighid il-Professur Mamo:

**"*the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time*."**

Tkompli: "**Fl-ahharnett biex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox fid-difiza legittima, huwa m'ghandux jadotta metodi li huma in eccess jew**

**sproporzjonati ghal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu."**

Issa jekk wiehed jezamina sew ix-xhieda moghtija mill-imputat, jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-elementi kollha fuq esposti biex tkun gustifikata l-uzu tal-forza in legittima difiza kollha jirrikorru.

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva illi anke meta wiehed iqabbel l-istatura fizika ta'l-imputat ma dik ta' huh, ma'l-ewwel daqqa ta'ghajn jirrizulta illi Marlo Galdes huwa ragel ta' statura kbira. L-imputat min-naha l-ohra ghalkemm ma huwiex ragel qasir jew zghir, izda huwa bnidem ta' statura normali. Flimkien ma' dana wiehed irid bil-fors jabbina l-istat li kien fih Marlo Galdes – bniedem fis-sakra, minghajr kontroll, aggressiv u abbuziv fi kliemu u fl-agir tieghu. L-imputat kien qieghed ghal kwiet rieqed fis-sodda tieghu meta dahal dana il-ggant aggressiv god-dar. Illi wiehed ma jridx jinsa' illi l-imputat kien ben konsapevoli ta'l-istat mentali ta' huh meta huwa jkun fis-sakra. Jghid illi l-familja ilha tissaporti dina l-attitudni tieghu ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena. L-imputat ghalhekk kien jaf ben tajjeb sa fejn kapaci jasal huh. Jidher car illi l-imputat ma kellu l-ebda intenzjoni jwegga' lil huh. L-intenzjoni tieghu kienet biss sabiex jiddefendi lil ommu. Jidher illi solitament meta jinqalghu dawn l-argumenti l-imputat ma jkunx wahdu id-dar, izda jkun hemm hutu s-subien l-ohra li ghalhekk ikunu ta' ghajnuna sabiex jikkontollaw lil huhom. Izda fil-jum ta' dana l-incident l-imputat inzerta kien wahdu u ghalhekk kellu jirreagixxi ghal aggressjoni fuq ommu wahdu. Madanakollu fil-mument li sehh ir-reat in dizamina, l-kunflitt bejn l-imputat u huh kien waqaf ghaliex l-imputat kien jaf illi huh kien qed jirreagixxi b'mod aggressiv ghax kien fis-sakra u ghalhekk ma kompliex fit-taqtiegha mieghu w iddcieda jirritorna f'kamartu. Izda f'dana l-mument hekk kif kien b'dahru lejn huh, sema' lil huh gej bil-giri minn warajh lest biex jaggredieh. F'dana il-mument huwa irreagixxa istantanjment biex jiddefendi ruhu minn dina l-aggressjoni inaspettata ghax beza li huh kien ser jwegghu. Ghalhekk huwa qabad l-ewwel oggett li gie taht idejh, li ma jafx x'kien izda f'dak il-mument xejjru fid-direzzjoni ta' huh sabiex huh ma jwegghux u ghalhekk

laqqtu. Li kieku l-imputat ma irreagixxiex b'dana il-mod huwa kien jispicca jsofri aggressjoni minn huh li f'dak il-mument ma kienx qieghed iqis l-konsewgenzi ta'l-azzjonijiet tieghu minhabba li kien fi stat ta' sokor. Kien biss wara li l-imputat irrealizza illi kien qabad imqass b'idejh u li b'dana huwa kien ikkaguna ferita fuq huh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tara li l-imputat kien gustifikat li jagixxi b'dak il-mod taht legittima difiza ghalih innifsu u ghal terzi u stante li dina il-linja difenzjonali u eccezzjoni qed tigi milqugha tara ghalhekk illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma gewx ippruvati u ghalhekk il-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati ta'l-offiza gravi volontarja fil-konfront ta' huh. Isegwi ghalhekk illi l-anqas l-akkuza kontravvenzjonali prevista fl-artikolu 339(e) indikata fin-nota tar-rinviju ta'l-Avukat Generali ma tirrizulta ippruvata.

Finalment ghar-rigward ta'l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat, u cioe' l-akkuza li taqa' taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, jidher illi l-istess ma gietx indikata mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju u kwindi dina l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-ahhar imputazzjoni, tillibera lill-imputat minn kull akkuza ohra migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------